## O Żmien Ħelu

# Il-Giren fir-Raħal tal-Qala

*tagħrif u ritratti minn* **Raymond C. Xerri**
B.A.(Hons)(USA),EU.Sch.(FRG),D.D.S., M.A.(Dip.St.)

Il-Girna. Kamra żgħira fejn wieħed jista' jiskenn jew jaħżen affarijiet li juża fil-ghalqa. Il-girna hija l-eqdem forma ta' abitat wara għerien. L-arkeoloġisti Olandiżi Veronica Veen u Adrian van der Blom flimkien ma' l-istoriku tal-Qala, Anton Buttigieg P.E.P., jgħidulna li l-ewwel nies li għexu fir-raħal tagħna kienu jgħixu fl-għerien tal-għoljiet bħal dfuq il-Ħodba, il-Wardija, l-Wileġ, fuq Ta' Dandalona, fuq il-Qawra ta' Cjotu u għoljiet oħrajn. Wara li tgħallmu kif jaħdmu l-ġebla bdew jibnu kmamar żgħar f'forma ta' giren.

Għall-ewwel dawn kienu jinbnew madwar il-bokka tal-għerien, għaliex il-familji ġodda riedu jgħixu ħdejn il-ġenituri tagħhom u b'hekk iffurmaw post fejn gruppi ta' familji jgħixu flimkien. Il-giren kienu jinbnew ħdejn l-għerien fil-quċċata ta' l-għolja, l-ewwelnett biex jgħixu u jaħdmu flimkien, u meta jiġi l-għadu kienu jarawh ġej mill-bogħod u jkollhom biżżejjed żmien biex jilqgħu għall-attakk.

Maż-żmien il-giren kienu bdew jinbnew bħala parti mill-ħitan tas-sejjiegħ madwar ir-raba". Dawn kienu jinbnew għal diversi raġunijiet. Ir-raġuni prinċipali kienet biex il-bidwi jkollu fejn jiskenn minn xi ħalba xita jew anke mument ta' misrieħ mix-xemx qalila. Kien ukoll post tajjeb fejn wieħed jiekol xi ħalq ħobż f'nofs inhar flok ma jmur id-dar biex jiekol.

Fil-girna kien hemm ukoll min iħalli l-għodda tal-għalqa jew xi affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kaċċa u nsib. Fost l-eqdem giren fir-raħal tagħna



*Girna ta' żmien pre-istoriku. Tinsab ħdejn il-kalati ta' Kordina, mibnija b'bażi ta' ġebel tat-tempji.*



*Kif jidher ċar fir-ritratt din il-girna ta' Dandalona qed tiżżarma ftit ftit. X'ħasra!*



Girna li hi parti mill-ħajt tas-sejjieħ ta' għalqa fl-inħawi ta' Andar ix-Xagħri

insibu grupp fuq ir-riħ tal-Blata l-bajda, fiż-Żewwieqa u f'Ta' Kortina ħdejn il-*Cart Ruts*. Dawn huma xempju għas-sengħa tal-bini tal-giren.

Il-giren m'humiex biss borġ ġebel fuq xulxin iżda binja li tirrikjedi sengħa kbira. Biex tibni girna trid tkun taf il-prinċipji tal-bini tal-ġebla tas-sejjiegħ u l-aktar trid tkun taf kif tpoġġi l-ġebla b'talli mod li tispiċċa b'koppla baxxa fuq nett. B'hekk persuna tkun tista' tgħaddi bil-wieqfa fin-nofs tal-girna u mhux titbaxxa l-ħin kollu.

Il-giren sab użu differenti fit-Tieni Gwerra Dinjija fejn il-bdiewa u r-raħħala li kienu jsibu ruħhom fl-għalqa meta kien isir *air raid* mill-ajruplani Ġermaniżi u Taljani kienu jistkennu fihom u jeħilsuha min xi burraxka bullets tal-*machine guns* jew ma jagħtux fil-għajn. Għalhekk qiegħdin naraw li l-girna mhix biss kamra żgħira mibnija f'għalqa.

Illum l-użu tal-girna qiegħed jispiċċa minħabba l-fatt li għandna djar ferm ikbar u komdi u għandna wiesgħa fejn naħżnu l-għodda ta' l-għalqa li wkoll ma' għadniex nużawhom daqstant. Il-ftit użu li qiegħed isir mill-giren qiegħed isir mill-kaċċaturi u nassaba, speċjalment dawn ta' l-aħħar.

In-nassaba qiegħdin jużaw il-ftit giren li għad baqa' fir-raħal tagħna flok il-kamra bla saqaf. Però din id-drawwa qiegħda tispiċċa. Ħafna giren inqerdu f'dawn l-aħħar tletin sena biex jaghmlu wisa' għall-bini tad-djar u għas-sistema tat-toroq li dari kienu biss sqaq.

Ħasra li naraw giren bħal dik li kienet tinsab fil-Qortin tas-Supla tinqered minn wiċċ il-kampanja tagħna. Jekk għandna giren fl-għelieqi tagħna ngħożżuhom għaliex dawn huma parti mill-patrimonju u l-wirt ta' missirijietna. Ħasra li binja hekk sempliċi u xempju ta' żmien li għadda spiċċa. O Żmien Ħelu fejn int!!! ●